MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Talba Numru. 1375/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Nazzareno Farrugia (ID: 164956 M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nazzareno Farrugia**

**Vs**

**Peter Woollard (ID: 515271 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm286.89c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku meta l-konvenut qasam it-triq b'mod traskurat u b'nuqqas ta' hsieb u bhala konsegwenza kkaguna danni fuq il-vettura DIN 004 misjuqa minn Dino

Farrugia proprjeta' ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici, Nazzareno Farrugia, u ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident. Il-konvenut eccepixxa wkoll li s-socjeta' attrici trid tipprova s-surroga.

Illi Dino Farrugia kkonferma li s-socjeta' attrici hallset id-danni. It-Tribunal ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni dwar is-surroga.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Dino Farrugia qal:

"Jiena kont gej fuq il-lane ta' gewwa, rajtu jaqsam mil-lemin, waqaf, mar ftit lura u rega' qasam. Jiena zammejt il-brake u gbidt fuq ix-xellug tieghi u lqattu meta nzilt u qam wahdu u taghni d-dettalji tieghu u qalli t-tort tieghu ghax ma qasamx mil-lights. Imbaghad giet l-ambulanza u haditu l-isptar."

Il-konvenut qal:

"Peter Woollard stated that he crossed the road to the bus stop and not from the traffic lights and whilst he was crossing he saw the car coming and went a few paces back, then tried to cross but was hit. He stated that it was his fault and signed a written declaration, that he does not wish to proceed with any criminal action against the driver."

Ra x-xhieda ta' PS 1136 Fabian Fleri fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz. Jghid ukoll li kellem lill-konvenut wara li hareg mill-isptar izda l-istess konvenut ikkonferma li ma riedx jiehu passi kontra s-sewwieq tal-vettura assigurata mas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Dino Farrugia fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Farrugia l-ewwel jghid illi l-lights

kienu homor u ghalhekk seta' jibqa' ghaddej, izda mbaghad kompla jghid illi l-lights kienu hodor u ghalhekk baqa' ghaddej. L-incident gara wara l-lights. Jikkonferma wkoll illi dejjem kien fuq il-lane ta' gewwa. Ma jiftakarx b'liema speed kien ghaddej.

Fil-kontro-ezami qal li kien ghaddej bi speed ta' erbghin izda ma jafx jekk kienux kilometres jew miles. Jaqbel ma' l-iskizz.

Ra x-xhieda tal-konvenut, Peter Woollard, fejn jghid illi hu qasam it-triq meta l-lights kienu homor u ghalhekk il-karozzi kienu wieqfin. Jghid illi meta kien ser jibda jaqsam it-triq ra lil Dino Farrugia gej b'velocita' qawwija. Jichad li qal lill-pulizija li kien it-tort tieghu. Jikkonferma li ma riedx jiehu proceduri kriminali kontra Farrugia. Jghid ukoll illi bejn il-karozza u minfejn qasam hu jigifieri fejn iz-*zebra crossing*, ma kienx hemm boghod ta' karozza. Jichad illi hareg u rega' mar lura mbaghad qasam it-triq.

Ra illi l-konvenut fir-*Road Accident Report* ammetta r-responsabbilta' ta' l-incident kif ukoll qal li waqt li kien qed jaqsam it-triq ra lil Farrugia gej, mar ftit passi lura u rega' qasam.

Il-konvenut naqas meta ghazel li ma jaqsamx minn fuq iz-*zebra crossing* u naqas ghaliex ma zammx *a proper lookout*. Fix-xhieda tieghu l-konvenut ma kienx kredibbli billi l-verzjoni tieghu fix-xhieda kienet differenti hafna mill-verzjoni li ta lill-pulizija wara l-incident.

Illi hemm diversi sentenzi li jenfasizzaw l-importanza tal-verzjoni li nghata lill-pulizija wara l-incident. Il-pulizija kiteb li l-konvenut qal *"whilst he was crossing he saw the car coming and went a few paces back, then tried to cross but was hit. He stated that it was his fault"*. Anki l-verzjoni li l-konvenut ta waqt ix-xhieda jindika li l-istess konvenut kellu tort. Il-konvenut jghid li ma kienx ra l-vettura ta' Farrugia, qasam san-nofs u mbaghad *"malli kont ser nibda naqsam gie gas down"*. Meta mbaghad il-konvenut immarka fejn gara l-incident huwa mmarka li kien wasal vicin fejn hemm il-*bus stop*. Dan ifisser li skond din il-verzjoni tal-konvenut

hu baqa' ghaddej biex jaqsam anki meta ra li Farrugia kien gej fid-direzzjoni tieghu. Jekk kien fin-nofs tat-triq u ra lil Farrugia *"gej gas down"* ghaliex baqa' sejjer 'il quddiem?

Dino Farrugia qal li ra li l-konvenut kien ser jaqsam u mbaghad mar lura. Huwa d-dover ta' Farrugia li jara dak li kien *in plain view* u jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi. Farrugia, izda li ra li l-konvenut mar lura kellu ragun jahseb li wara li mar lura l-konvenut ma kienx ser jerga' jipprova jaqsam. Anki jekk kien hemm element ta' speed xorta wiehed irid isib ghaliex gara l-incident. (Ara **Cachia Vs Conti 29/10/1963 PA**).

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-atturi u jordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm286.89c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------